MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 420/2003

**Louis u Carmelo ahwa Chircop**
**kif ezercenti n-negozju L & C Chircop**

**Vs**

**Easysell Caterers Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi fil-kwalita' taghhom premessa talbu sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi s-somma ta' Lm4546.69 (erbat elef, hames mija u sitta u erbghin lira Maltin u disa u sittin centezmu) rappresentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lis-socjeta konventua mibjugha u kkonsenjata gewwa it-Topaz Hotel.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Awissu 2003, u bl-imghax legali mit-30 ta' Dicembru 2002 data ta' l-

ahhar konsenja, skond ma jirrizulta mill-istatement anness Dok A sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 sa fol 4 tal-atti u markat A.

Rat in-nota tal-istess atturi (a fol 14 tal-atti) u li biha s-sorte gie ridott ghal Lm1741.89 stante pagament tal-ammont specifikat fl-istess nota.

Rat in-nota tal-istess socjeta konvenuta (fol 15 tal-istess atti u li biha ammettiet t-talba attrici ghall-ammont kif hawn fuq ridott(ara ukoll fol 10 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-istess atturi s-somma ta' Lm1741.89,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Awissu 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------